14 ta' Ottubru, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Adelaide Orr ne. *versus* Barry Collison et.

**Paternità Naturali — Filjazzjoni Illeġittima — Att tat-Twelid — Pussess ta' Stat Konformi — Alimenti — Art. 314, 94, 95, 19 u 109 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni ta' l-omm biex il-konvenut jiġi dikjarat missier naturali ta' tfal li twieldu minn relazzjonijiet li hija kellha ma' dak il-konvenut ma tiddependix mill-eżitu ta' azzjoni oħra li jintenta r-raġel ta' dik l-omm biex jippriva lil dawk it-tfal mill-paternità leġit-*

*tima li ġiet reġistrata fl-att tat-twelid, fejn dawk it-tfal ġew reġistrati bħala wlied leġittimi tiegħu; b'mod li mhix attendibili l-eċċezzjoni tal-konvenut, dikjarat missier naturali tat-tfal, fis-sens li l-azzjoni proposta kontra tiegħu kien imissha tiġi proposta wara li tkun spiċċat il-kawża li jkun għamel ir-raġel ta' l-omm biex jipprriva lit-tfal mill-paternità leġittima tiegħu reġistrata fl-att tat-twelid tat-tfal.*

*Il-preżunzjoni li bis-saħħa tagħha r-raġel ta l-omm huwa missier it-tarbija, jekk huwa fiż-żmien kollu tat-300 ġurnata qabel dik tat-twelid tat-tarbija kien preżenti f'dawn il-Gżejjer, u f'dak iż-żmien kollu huwa kien jgħix mifrud minn martu "de facto" biss, u mhux ukoll legalment, mhix preżunzjoni assoluta, imma biss "juris tantum"; u ssir "juris et de jure" jekk l-istat ta' tifel leġittimu jirriżulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi għal dak l-att. U għalhekk, meta l-filjazzjoni leġittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi għal dak l-att, it-tifel ma jistax jirreklama stat divers minn dak attribwit lilu mill-att tat-twelid u mill-pussess ta' stat.*

*Jekk ma jirrikorrux flimkien dawn iż-żewġ rekwiżiti, il-paternità leġittima riżultanti mill-att tat-twelid tista' tiġi eskluża bi provi ta' fatt li jiġu apprezzati mill-ġudikant.*

*Huwa veru li ġie deċiż illi mhux xieraq li l-azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' paternità illeġittima tiġi eżerċitata minn ħadd ieħor għan-nom ta' iben li mhux kapaċi jakkonsenti; imma ġie deċiż ukoll li l-liġi bl-ebda mod ma tipprojbixxi lill-minuri milli jirreklama paternità illeġittima, anki qabel ma r-raġel ta' l-omm ikun ipprivah mill-paternità leġittima tiegħu. Aktar u aktar ma għandhomx it-tfal jiġu miċħuda minn din l-azzjoni, meta r-raġel ta' ommhom ikun diġà ntenta l-azzjoni biex jipprivahom mill-paternità leġittima tiegħu.*

*F'materja ta' filjazzjoni illeġittima, il-ġuriprudenza ormaj kostanti tal-Qrati Tagħna hija fis-sens illi, biex tiġi attribwita lill-individwu l-paternità naturali, hemm bżonn jikkonkorru rigorożament dawn il-kondizzjonijiet:— (a) li qrib iż-żmien tal-konċepiment, dak li lilu tiġi attribwita l-paternità kellu relazzjonijiet intimi ma' omm it-tarbija; (b) li omm it-tarbija ma kellhiex dawn ir-re-*

*lazzjonijiet fl-istess żmien ma' rġiel oħra; (c) u li fl-istess żmien, u qabel, hija tkun mantniet imġieba u trobbija ħekk tajba li minħabba fihom għandu jiġi eskluż moralment li hija seta' jkollha dawk ir-relazzjonijiet ma'rġiel oħra barra minn mal-missier tat-tarbija.*

*F'riċerka simili, il-moriġeratezza ta' l-omm hi relativa, u għandha tiftiehem fis-sens li hija ma tkunx uriet kostumi faċili qrib il-konċepiment u fil-kors tal-gravidanza; u l-ġudikant għandu juża ċirkospezzjoni kbira, billi l-prova ta' l-elementi msemmijin għandha tirriżulta minn provi gravi, preċiżi u konkordanti; imma dan ma jfisserx illi l-azzjoni għandha tiġi respinta, speċjalment meta r-relazzjonijiet illeċiti huma ammessi mill-pretiż missier, sempliċement għaliex tirriżulta leġġerezza fil-kondotta ta' l-omm, u meta tonqos il-prova li fi żmien bejn wieħed u ieħor qrib għall-konċepiment setgħet kellha dawk ir-relazzjonijiet ma' raġel ieħor.*

*Il-prinċipji li l-missier hu obligat imantni lit-tfal, u li l-mara mhix obligata tagħti lit-tfal l-alimenti li huma jistgħu jottjenu minn għand missierhom, huma applikabili wkoll bejn il-missier u l-iben li jkun dikjarat iben naturali tiegħu per mezz ta' sentenza.*

*L-ispejjeż li tonfoq l-omm in konnessjoni mat-twelid tat-tarbija u għall-għajxien tat-tfal huma spejjeż li l-omm tista', jekk għandha dritt għalihom, tirreklama kontra l-missier tat-tarbija f'isimha proprju, u mhux f'isem it-tfal.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, fil-kwalità tagħha fuq imsemmija, talbet illi, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħti kwalunkwe provvediment opportun, (1) jiġi dikjarat illi l-imsemmi konvenut Collinson huwa l-missier naturali ta' uliedha Maria Carmela u Maria Maddalena, li twieldu fit-22 ta' Lulju 1952; (2) il-konvenut Collinson, bħala konsegwenza, jiġi kundannat iħallasha nomine pensjoni alimentarja għall-manteniment ta' l-imsemmijin trabi, fil-post, ġurnata u mod li tordna dina l-Qorti; (3) l-istess konvenut Collinson, bħala missier naturali tat-tfal, jiġi kundannat li jħallasha nomine s-somma ta' £47. 8. 10 għan-nefqa li hija għamlet in konnessjoni mat-twelid u għall-għajxien ta' l-istess tfal; (4) tiġi ordnata l-korrezzjoni ta' l-attijiet tat-twelid ta' l-imsemmijin żewġt itrabi tewmin, numri, dak ta' Maria Carmela 6990, u dak ta'

Maria Maddalena 6991, u billi fil-wieħed u fl-ieħor jiġu miktuba l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija, il-professjoni, sengħa jew stat ieħor tiegħu, l-età tiegħu, il-post fejn twieled u fejn joqgħod, u isem u kunjom missieru, jiġu mħassra l-konnotati kollha riferibili għall-konvenut Thomas Orr, u jiġu minflokhom fil-kolonni tagħhom imniżżlin l-isem u l-kunjom u l-partikularitajiet l-oħra tal-konvenut Collinson li jirriżultaw waqt il-kawża, u/jew kull korrezzjoni oħra skond il-liġi; billi wkoll mill-kolonna quddiem il-kliem "the mother" jiġu mħassrin il-kliem "the said". Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew ingunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'din l-azzjoni l-attriċi, bħala kuratriċi "ad litem" ta' uliedha minuri Maria Carmela u Maria Maddalena, qegħedha titlob illi l-konvenut Collinson jiġi dikjarat missier naturali ta' l-istess żewġt itfal minuri, li huma tewmien, u li twieldu fit-22 ta' Lulju 1952, billi hija tippretendi illi dawn twieldu minn relazzjonijiet sesswali bejnha u dak il-konvenut. Mhux kontestat illi Adelaide Orr, omm l-istess tfal, hija miżżewġa lill-konvenut Orr, u illi dawn it-tfal twieldu fil-kors ta' dan iż-żwieġ tagħha, u illi l-konvenut Orr, meta twieldu l-imsemmijin tfal, u fiż-żmien tal-konċepiment u l-gestazzjoni tagħhom, kien jinsab Malta, mifrud "de facto", imma mhux ukoll "de jure", minn martu, u illi l-istess tfal fl-att tat-twelid tagħhom jinsabu deskritti bħala ulied leġittimi tal-konvenut Orr;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Collinson;

Illi waqt it-trattazzjoni ġie pruvat illi l-konvenut Orr iddeduċa quddiem dina l-Qorti azzjoni biex jippriva lill-imsemmijin żewġt itfal mill-paternità leġittima kif reġistrata fl-att tat-twelid tagħhom. Imma din iċ-ċirkustanza ma ġġibx magħha l-konsegwenza li l-azzjoni odjerna hi dipendenti fuq l-eżitu ta' dik l-azzjoni u jmissha ġiet proposta wara li tkun ġiet deċiża l-oħra, kif jissottometti l-konvenut Collinson. Tabilħaqq, ġie deċiż illi "non risulta dalla legge non potere il minore reclamare una paternità illegittima prima che il ma-

rito di sua madre non lo abbia *privato* della sua paternità legittima. Il diritto suddetto dato dalla legge al marito della madre non può, in difetto di espressa disposizione, privare il minore del suo diritto di ricercare il padre'' (Vol. XXII—I—177; II, 159). Għalhekk il-fatt li l-minuri jistgħu jintentaw din l-azzjoni anki qabel ma r-raġel t'ommhom ikun fil-każ ip-propona l-azzjoni biex jipprivahom mill-paternità leġittima juri illi l-azzjoni odjerna *mhjiex* dipendenti mill-eżitu ta' l-oħra proposta mill-konvenut Orr;

Ikkunsidrat, fuq it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Collinson;

Illi, skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 314 tal-Kodiċi Ċivili, jekk it-tarbija titwieled minn mara miżżewġa, isem ir-raġel tagħha għandu jitniżżel fl-att bħala dak tal-missier, għad li jkun hemm dikjarazzjoni kuntrarja, jekk ir-raġel, fiż-żmien kollu *tat-300 ġurnata qabel il-ġurnata tat-twelid tat-tarbija ma* jkunx nieqes minn dawn il-Gżejjer, u jekk ir-raġel f'dak iż-żmien kollu ma kienx jgħix mifrud legalment minn martu. Billi, kif ġie pruvat, Thomas Orr, ir-raġel ta' Adelaide Orr, omm dawk it-tfal, ma kienx nieqes minn Malta għal aktar minn 300 ġurnata qabel it-twelid tagħhom, u f'dak iż-żmien kollu huwa kien biss mifrud "de facto", u mhux ukoll "de jure", minn martu, omm dawk it-tfal, dawn ta' l-aħħar ġew u jinsabu deskritti fl-att tat-twelid tagħhom bħala tfal leġittimi tal-konvenut Orr (fol. 19 u 20). Dan isir, kif f'dan il-każ sar, konsegwentement għall-art. 80 ta' l-istess Kodiċi, li jiddisponi illi l-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu; u dan konformement għall-assjoma fondamentali taddritt, "pater is est quem justae nuptiae demonstrant";

Imma din il-preżunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss "juris tantum", u ssir "juris et de jure" meta l-istat ta' tifel leġittimu jirriżulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll mill-pussess ta' stat konformi għal dak l-att. Fi kliem ieħor, *dik il-preżunzjoni* hija assoluta biss fil-każ li *l-filjazzjoni* tkun pruvata bl-att tat-twelid "u" bil-pusess ta' stat uniformi għal dak l-att; u għalhekk f'dan il-każ mhux mogħti lit-tifel li jirreklama stat divers minn dak *attribwit* lilu mill-att tat-twelid u mill-pussess ta' stat (art. 94 Kap. 23). Imma meta ma

jikkonkorrux flimkien dawk iż-żewġ estremi, jiġifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, dik il-preżunzjoni ma tibqax assoluta, u l-paternità leġittima riżultanti mill-att tat-twelid tista' tiġi eskluża bi provi ta' fatt li jiġu apprezzati mill-ġudikant (art. 95 Kap. 23; Vol. XXIII—II—128; XXIV—I—427; *XXV—II—70; XXIX—II—605; XXXII—II—309)*;

Għad li l-imsemmija żewġt itfal jippossjedu l-att tat-twelid li hu tali li jikkostitwixxi prova legali tal-paternità leġittima ta' Thomas Orr, u mhabba ċ-ċirkustanzi tal-każ u fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq imsemmija huma ma setgħux ikollhom ħlief dak l-att, l-istess tfal ma għandhomx il-pussess ta' stat ta' wlied leġittimi konformi għal dak l-att; għaliex mill-fattijiet li l-liġi tistabbilixxi bħala li jikkostitwixxu dak l-istat (art. 93 (1) Kap. 23) jonqos almenu dak (1) li l-konvenut Orr ittratta lil dawk it-tfal bħala wliedu, tant illi *huwa ntenta azzjoni biex jipprivahom mill-paternità leġittima* tiegħu, u (2) li t-tfal ġew dejjem magħrufa bħala wlied il-konvenut Orr mill-familja u min-nies. Għalhekk fil-każ preżenti l-preżunzjoni fuq imsemmija mhijiex assoluta, u tista' tiġi eskluża;

Illi ġie deċiż li mhux xieraq illi l-azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' paternità illeġittima tiġi eżerċitata minn ħadd ieħor għan-nom ta' iben li ma huwiex kapaċi jakkonsenti (Vol. XVIII—II—320; XXXII—II—309); imma, kif ġà ntqal, ġie wkoll deċiż illi l-liġi b'ebda mod ma tipprojbixxi lill-minuri *milli jirreklama l-paternità illeġittima, anki qabel ma r-raġel* ta' ommu jkun ipprivah mill-paternità leġittima tiegħu Vol. II, 159; XXII—I—177). Aktar u aktar ma għandhomx l-imsemmija tfal jiġu miċħuda minn din l-azzjoni fil-każ taħt eżami, meta l-konvenut Orr diġà ntenta l-azzjoni biex jipprivahom mill-paternità leġittima tiegħu;

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi, f'materja ta' filjazzjoni illeġittima, il-ġurisprudenza ormaj kostanti segwita mit-Tribunali Tagħna hija dik illi, biex tiġi attribwita lill-individwu l-paternità naturali, hemm bżonn il-konkors rigoruż ta' dawn il-kondizzjonijiet :— (a) li qrib iż-żmien tal-konċepiment, dak li lilu tiġi attribwita l-paternità kellu relazzjonijiet intimi ma' omm it-tarbija; (b) li omm it-

tarbija ma keilhiex dawn ir-relazzjonijiet fl-istess żmien ma' rġiel oħra; (c) u li fl-istess żmien, u qabel, hija tkun mantniet imġieba u trobbija hekk tajba li minħabba fihom għandu jiġi eskluż moralment li hija seta' jkollha dawk ir-relazzjonijiet ma' rġiel oħra barra minn mal-missier tat-tarbija (Vol. XXX —I—443). Hi wkoll massima ta' ġurisprudenza illi l-paternità naturali hemm bżonn li tirriżulta minn provi gravi, preċiżi u rassikuranti, kif huma rikjesti mill-importanza ekonomika u mill-indoli delikata u morali tal-ġudizzju tar-riċerka tal-paternità; u illi, meta l-kontestazzjoni ta' l-onestà ta' l-omm tirriżulta fondata, klawsijasi prova ta' paternità li tkun saret tibqa' mneħħija minn kull *forza rassikuratriċi* (Vol. XXIV—I—188). F'riċerka simili, però, il-moriġeratezza ta' l-omm hija relativa, u għandha tiftiehem fis-sens li hija ma tkunx uriet kostumi faċili f'epoka qrib il-konċepiment u fil-kors tal-gravidanza (Vol. XXVIII—I—458; XXVIII—II—204). F'kawżi simili, il-ġudikant għandu juża ċirkospezzjoni kbira; imma dana ma jfisserx *illi huwa għandu jirrespinġi* l-azzjoni, speċjalment meta r-relazzjonijiet illeċiti jiġu ammessi mill-pretiż missier, sempliċement għaliex tirriżulta leġġerezza fil-kondotta ta' l-omm, u meta tonqos il-prova li dina, fi żmien bejn wieħed u ieħor qrib għall-konċepiment, setgħet kellha dawk ir-relazzjonijiet ma' raġel ieħor (Vol. XXVII—I—437);

F'din il-kawża, il-konvenut *Collinson jammetti illi* kellu relazzjonijiet intimi ma' Adelaide Orr, omm l-imsemmijin żewġt itfal Maria Carmela u Maria Maddalena, fi żmien viċin il-konċepiment tagħhom; anzi sa ċertu żmien huwa stqarr ma' diversi persuni illi huwa kien il-missier naturali ta' l-istess tfal. Skond kif xehed huwa, huwa kien u baqa' ta' dik il-fehma sakemm ma ġieħx suspett.........; u għalhekk jibqa' definitivament eskluż li dawk it-tfal setgħu ġew konċepiti minn relazzjonijiet intimi bejn Adelaide Orr u l-imsemmi Hughes......... Veru li l-kondotta ta' Adelaide Orr fi żmien qrib il-konċepiment ta' uliedha ġa msemmija ma tistax tissejjaħ korretta, billi hija, mara miżżewġa, mifruda "de facto" minn żewġha, u omm ta' tifel mir-raġel tagħha, kienet tiffrekwenta s-"social clubs" u d-"dances"; imma dan ma jfisserx illi hija f'dak iż-żmien, jew qabel, kienet ta' kostumi faċili

u ta' ħajja rilaxxata b'mod li minħabba fihom jista' jiġi radikat dubju fuq il-paternità ta' l-istess żewġ uliedha.........;

Għalhekk fiċ-ċirkustanzi tal-każ l-ewwel domanda tirriżulta ġustifikata;

Ikkunsidrat;

*Illi skond l-art.* 108(1) *tal-Kodiċi Ċivili, dak li ma jkunx* għaraf b'ibnu lit-tifel, iżda illi jkun ġie dikjarat b'sentenza tal-Qorti bħala missieru, huwa obligat biss li jagħti lit-tifel dak li hu biżżejjed għall-ikel, għall-ilbies u għall-abitazzjoni, skond il-kondizzjoni ta' l-omm.........;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi l-missier hu obligat imantni lit-tfal qabel l-omm (art. 19 Kap. 23), u l-omm mhix obligata tagħti littfal l-alimenti li huma jistgħu jottjenu minn għand missierhom (art. 109(2) Kap. 23). Dawn il-prinċipji huma applikabili wkoll bejn il-missier u l-iben li jiġi dikjarat iben naturali permezz ta' sentenza (Vol. XXXII—I—468). Issa, skond iċ-ċitazzjoni, is-somma ta' £47. 8. 10 imsemmija f'dak l-att, u dik ta' £20 ndikata fil-fol. 110 tal-proċess u msemmija fixxhieda tat-Tabib Professur Dr. Ellul, ġew minfuqa in konnessjoni mat-twelid u l-għejxien ta' l-imsemmijin tfal mill-attriċi f'isimha proprju, u mhux fl-isem li biħ tidher f'din il-kawża. It-tfal ma nefqu xejn, u ma għandhomx interess jekk dawk il-flus ġew minfuqa għalihom minn ommhom jew minn missierhom, u jinteressa talvolta lill-attriċi f'isimha proprju li tiddeduċi l-azzjoni relativa ta' regress kontra l-konvenut Collinson, jekk għandha dan id-dritt, fil-każ li hija nefqet dawk il-flus għall-manteniment ta' uliedha ġa msemmijin minflok l-imsemmi konvenut;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi (1) tirrespinġi l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut Collinson, bl-ispejjeż *kontra tiegħu;* (2) tillibera lill-konvenut Collinson mill-osservanza tal-ġudizzju relativament għat-tielet talba, bl-ispejjeż kontra l-attriċi f'isimha proprju; (3) tilqa' l-ewwel u t-tieni talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Collinson, u għall-finijiet tat-tieni talba tikkundanna lill-istess konvenut Collinson iħallas...... pensjoni

alimentarja ta' 2s. 6d. kuljum, tithallas......... (4) *tilqa' r-raba'* talba, billi tordna li fl-attijiet tar-Reġistru Publiku......... isiru dawn ir-rettifikazzjonijiet, jiġifieri......... — salv dejjem l-obbligu tar-Reġistratur għall-Kap tar-Reġistru Publiku fit-termini *tad-dispożizzjoni* ta' l-art. 293 tal-Kodiċi Ċivili. L-ispejjeż relativi għal din it-talba tħallashom l-attriċi nomine.